MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 1218/2011

**Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Ibrahim Doumbiya**

**Illum, 7 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Ibrahim Doumbiya ta' 21 sena bin Kuninba u Fatumata, imwieled Ivory Coast fl-1 ta' Jannar 1990, residenti Hal-Far Hangar Centre u detentur bin-numru tal-Pulizija 08C-021.

Akkuzati talli fil-5 ta' Novembru 2011 kif ukoll fi zminijiet ta' qabel u ta' wara f' Malta, ta jew gaghal li jinghata xi prospett falz, jew dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti

foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi f' Malta, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u dan bi ksur tal-artikoli 183, 184 u 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.
Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------